

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) 1925/2004**

tad-29 ta' Ottubru 2004

li jiffissa l-modalitajiet ta' applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1798/2003 dwar il-koperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud

(ĠU L 322M, 2.12.2008, p. 37)

Emendat minn:

Ġurnal Uffiċjali

	Nru	Paġna	Data
► M1 Commission Regulation (EC) No 1792/2006 of 23 October 2006 (*)	L 362	1	20.12.2006

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti



REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) 1925/2004

tad-29 ta' Ottubru 2004

li jiffissa l-modalitajiet ta' applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1798/2003 dwar il-koperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1798/2003 tas-7 ta' Ottubru 2002 dwar il-koperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 218/92, u notevolment l-Artikolu 18, l-Artikolu 35 u l-Artikolu 37 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1798/2003 jiġbor flimkien u jsaħħa id-dispożizzjonijiet relatati mal-koperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT iffissati fir-Regolament (KEE) Nru 218/92 u d-Direttiva tal-Kunsill 77/799/KEE dwar għajnuna reċiproka mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni diretta, ċerti dazji tad-dwana u t-taxxi fuq premiums tal-assigurazzjoni ⁽¹⁾.
- (2) Hu meħtieġ li jiġu speċifikati l-kategoriji preċiżi ta' informazzjoni li għandhom jiġu skambjati mingħajr talba preliminari, il-frekwenza kemm dawn l-iskambji jistgħu jseħħu u l-modalitajiet prattiċi.
- (3) Hu meħtieġ li jiġu stipulati l-modalitajiet li jirregolaw l-iskambju, b'mezzi elettroniċi, tal-informazzjoni mibgħuta skont ir-Regolament (KE) Nru 1798/2003.
- (4) Fl-aħħar nett, hu meħtieġ li tiġi stabbilita lista ta' *data* statistika meħtieġa għall-valutazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1798/2003.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Amministrattiva,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għan

Dan ir-Regolament jiffissa l-modalitajiet ta' applikazzjoni tal-Artikolu 18, tal-Artikolu 35 u tal-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1798/2003.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "negozjant difettuż": negozjant irreġistrat għall-finijiet tal-VAT, li, b'intenzjoni potenzjalment ta' frodi, jakkwista jew ta' x'jifhem li

⁽¹⁾ ĠU L 336, 27.12.1977, p. 15. Id-Direttiva emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/56/KE (ĠU L 127, 29.4.2004, p. 70).

▼B

akkwista prodotti jew servizzi, minghajn ma ħallas il-VAT u li jipprovdni dawn il-prodotti jew servizzi bi ħruġ ta' riċevuta tal-VAT, minghajn madankollu ma jħallasha lill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati.

2. "ħtif tan-numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT": l-użu illegali ta' numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT mogħti lill-negozjant ieħor.

*Artikolu 3***Kategoriji ta' skambju ta' informazzjoni minghajn talba preliminari**

Dawn li ġejjin huma l-kategoriji ta' informazzjoni suxxettibbli li jkunu l-mira ta' skambju awtomatiku jew ta' skambju awtomatiku strutturat bis-saħħa tal-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 1798/2003:

1. Informazzjoni li tikkonċerna persuni taxxabbli li mhumiex stabbiliti;
2. Informazzjoni dwar il-mezzi ġodda tat-trasport;
3. Informazzjoni relatata mal-bejgħ mill-bogħod eżentat mill-VAT fl-Istat Membru ta' oriġini;
4. Informazzjoni relatata ma' tranżazzjonijiet intra-Komunitarji preżumibbli irregolari;
5. Informazzjoni dwar "negozjanti difettużi" (potenzjali).

*Artikolu 4***Sotto-kategoriji ta' skambju ta' informazzjoni minghajn talba preliminari**

1. F'dak li jikkonċerna lill-persuni taxxabbli li mhumiex stabbiliti, l-iskambju ta' informazzjoni li tikkonċerna:

- (a) l-ġhoti ta' numri ta' identifikazzjoni tal-VAT lill-persuni taxxabbli stabbiliti fi Stat Membru ieħor;
- (b) il-modalitajiet ta' rimborż tat-taxxa fuq valur miżjud lill-persuni taxxabbli li mhumiex stabbiliti fi ħdan il-pajjiż, skont id-Direttiva 79/1072/KEE ⁽¹⁾ tal-Kunsill.

2. F'dak li jikkonċerna l-mezzi ġodda ta' trasport, l-iskambju ta' informazzjoni li tikkonċerna:

- (a) il-kunsinni eżentati, skont l-Artikolu 28(c), Titolu A, il-punt (b) tad-Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE ⁽²⁾, ta' mezzi ġodda ta' trasport definiti fl-Artikolu 28(a)(2), li jsiru minn persuni kkunsidrati bħala taxxabbli bis-saħħa tal-Artikolu 28a(4), irreġistrati għall-finijiet tal-VAT;
- (b) il-kunsinni eżentati, skont l-Artikolu 28(c), Titolu A, il-punt (b) tad-Direttiva 77/388/KEE, ta' bastimenti u ajruplani ġodda definiti fl-Artikolu 28a(2), li jsiru minn persuni taxxabbli rreġistrati għall-finijiet tal-VAT — minbarra dawk li jissemmew fil-punt (a) — għall-persuni li mhumiex irreġistrati għall-finijiet tal-VAT;
- (c) il-kunsinni eżentati, skont l-Artikolu 28(c), Titolu A, il-punt (b) tad-Direttiva 77/388/KEE, ta' vetturi ġodda b'mutur definiti fl-Artikolu 28a(2), li jsiru minn persuni taxxabbli rreġistrati għall-finijiet tal-VAT — minbarra dawk li jissemmew fil-punt (a) — għall-persuni li mhumiex irreġistrati għall-finijiet tal-VAT.

3. F'dak li jikkonċerna l-informazzjoni relatata mal-bejgħ mill-bogħod li hu eżentat mill-VAT fl-Istat Membru ta' oriġini, l-iskambju ta' informazzjoni jikkonċerna:

⁽¹⁾ ĠU L 331, 27.12.1979, p. 11.

⁽²⁾ ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1.

▼B

- (a) il-kunsinni superjuri għall-livell previst fl-Artikolu 28(b), Titolu B, paragrafu 2, tad-Direttiva 77/388/KEE;
 - (b) il-kunsinni inferjuri għall-livell previst fl-Artikolu 28(b), Titolu B, paragrafu 2, tad-Direttiva 77/388/KE, meta l-persuna taxxabli tagħżel li tkun intaxxata fl-Istat Membru ta' destinazzjoni skont l-Artikolu 28(b), Titolu B, paragrafu 3 ta' din id-Direttiva.
4. F'dak li jikkonċerna l-informazzjonijiet relatati mat-tranżazzjonijiet intra-Komunitarji preżumibbli irregolari, l-iskambju ta' informazzjoni jikkonċerna:
- (a) il-każijiet meta jintwera li l-valur tal-kunsinni intra-Komunitarji indikati fis-sistema ta' skambju ta' informazzjoni tal-VAT (VIES) ma jkunx jaqbel b'mod konsiderevoli mal-ammont iddikjarat bħala akkwisti intra-Komunitarji korrispondenti;
 - (b) il-kunsinni intra-Komunitarji tal-merkanziji li mhumiex eżentati mill-VAT skont l-Artikolu 28(c), Titolu A tad-Direttiva 77/388/KEE lill-persuna taxxabli stabbilita f'Istat Membru ieħor.
5. F'dak li jikkonċerna l-informazzjoni dwar in-“negozjanti difettużi” (potenzjali), l-iskambju ta' informazzjoni jikkonċerna:
- (a) il-persuni taxxabli li n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT tagħhom tħassar jew ma għadux validu minħabba assenza jew simulazzjoni ta' attività ekonomika u li wettqu tranżazzjonijiet intra-Komunitarji;
 - (b) il-persuni taxxabli li huma “negozjanti difettużi” (potenzjali) iżda li n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT tagħhom ma tħassarx;
 - (c) il-persuni taxxabli li wettqu kunsinni intra-Komunitarji u l-klijenti tagħhom fl-Istati Membri l-oħra meta l-klijent hu “negozjant difettuż” (potenzjali) jew “ħataf numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT”.

*Artikolu 5***Notifika ta' parteċipazzjoni fl-iskambju ta' informazzjoni**

Kull Stat Membru għandu jinnotifika, bil-miktub, lill-Kummissjoni, fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, id-deċiżjoni tiegħu, meħuda skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1798/2003, dwar il-parteċipazzjoni tiegħu fl-iskambju ta' informazzjoni li jappartjeni għal kategorija jew sotto-kategorija msemmija fl-Artikoli 3 u 4, fejn meħtieġ, għandu jagħti dettalji jekk biħsiebu jagħmel dan b'mod awtomatiku jew b'mod awtomatiku strutturat. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti din l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.

Stat Membru li aktar tard jemenda l-kategoriji jew is-sotto-kategoriji ta' informazzjoni li hu jiskambja jew il-mod ta' parteċipazzjoni għal dan l-iskambju ta' informazzjoni għandu jinforma bil-miktub dwar dan lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti din l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.

*Artikolu 6***Frekwenza tal-ibghid tal-informazzjoni**

Jekk tintuża s-sistema ta' skambju awtomatiku, ikun hemm lok li tiġi pprovduta din l-informazzjoni:

- (a) mhux aktar tard mill-aħħar tat-tielet xahar wara s-sena kalendarja li matulha din l-informazzjoni saret disponibbli, f'dak li jirrigwarda l-kategoriji msemmija fl-Artikolu 3(1) u (3);

▼B

- (b) mhux aktar tard mill-aħħar tat-tielet xahar wara kull kwart tas-sena kalendarja li matulu din l-informazzjoni saret disponibbli, fil-każ tal-kategoriji msemmija fl-Artikolu 3(2).

L-informazzjoni relatata mal-kategoriji msemmija fl-Artikolu 3(4) u (5) jingħataw hekk kif ikunu disponobbli.

*Artikolu 7***Ibgħit ta' informazzjoni li trid tiġi mgħoddija**

1. L-informazzjoni kollha mibgħuta bil-miktub bis-saħħa tal-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1798/2003 tintbagħat biss, safejn hu possibbli, b'mezz elettroniku, permezz tan-netwerk tas-CCN/CSI ħlief:

- (a) għat-talba ta' notifika msemmija fl-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 1798/2003 u tal-Att jew tad-deċiżjoni li trid tiġi nnotifikata;
- (b) għad-dokumenti oriġinali mibgħuta bis-saħħa tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1798/2003.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jirrinunzjaw għall-komunikazzjoni fuq karta ta' informazzjoni nnumerata fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1.

*Artikolu 8***Valutazzjoni**

Il-miżuri ta' kooperazzjoni amministrattiva għandhom jiġi vvalutati skont l-Artikolu 35(1) tar-Regolament (KE) Nru 1798/2003, kull tliet snin li jibdew mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 9***Data statistika**

Il-lista tad-*data* tal-istatistika msemmija fl-Artikolu 35(3) tar-Regolament (KE) Nru 1798/2003 hi ppreżentata fl-anness.

Kull Stat Membru għandu jibgħat id-*data* tal-istatistika lill-Kummissjoni, qabel it-30 ta' April ta' kull sena, jekk possibbli b'mezz elettroniku, bl-għajnuna tal-formola standard ippreżentata fl-anness.

*Artikolu 10***Komunikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali**

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' kull dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali, li huma japplikaw fil-qasam kopert b'dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni għandha tgħaddi dawn il-miżuri lill-Istati Membri l-oħra.

*Artikolu 11***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament hu obligatorju fl-elementi tiegħu kollha u japplika direttament f'kull Stat Membru.

▼B

ANNEX (Artikolu 9)

Dokument standard għall-użu tal-ibgħit ta' data mill-Istati Membri III-Kummissjoni, imsemmi fl-Artikolu 35(3) tar-Regolament (KE) Nru 1798/2003

Stat Membru:

Sena kalendarja:

Parti A: statistika għal kull Stat Membru:

	Talbiet għal informazzjoni (Artikolu 5)		Tweġibiet tard ta' Stati Membri oħra (Artikolu 8(1))	Tweġibiet minnufih ta' Stati Membri oħra (Artikolu 8(2))	Notifiki skont l-Artikolu 10	Talbiet għal notifika (Artikoli 14 sa 16)	
	Għadd ta' talbiet riċevuti (Kaxxa Nru 1)	Għadd ta' talbiet miqiegħuta (Kaxxa Nru 2)				Għadd ta' talbiet riċevuti (Kaxxa Nru 6)	Għadd ta' talbiet miqiegħuta (Kaxxa Nru 7)
Il-Belġju				Għadd ta' drabi meta l-limitu taż-żmien ta' 1 xahar kien irrispettat (Kaxxa Nru 4)	Għadd ta' notifiki riċevuti (Kaxxa Nru 5)		
Bulgarija							
Ir-Repubblika Ċeka							
Id-Danimarka							
Il-Ġermanja							
L-Estonja							
Il-Greċja							
Spanja							
Franza							
L-Irlanda							
L-Italja							
Ċipru							

▼M1

▼B

▼B

	Talbiet għal informazzjoni (Artikolu 5)		Tweġibiet tard ta' Stati Membri oħra (Artikolu 8(1))	Tweġibiet minnufih ta' Stati Membri oħra (Artikolu 8(2))	Notifiki skont l-Artikolu 10	Talbiet għal notifika (Artikoli 14 sa 16)	
	Għadd ta' talbiet riċevuti (Kaxxa Nru 1)	Għadd ta' talbiet miqiegħuta (Kaxxa Nru 2)				Għadd ta' talbiet riċevuti (Kaxxa Nru 6)	Għadd ta' talbiet miqiegħuta (Kaxxa Nru 7)
Il-Latvja				Għadd ta' drabi meta l-limitu taż-żmien ta' 1 xahar kien inrispettat (Kaxxa Nru 4)	Għadd ta' notifiki riċevuti (Kaxxa Nru 5)		
Il-Litwanja							
Il-Lussemburg							
L-Ungerija							
Malta							
L-Olanda							
L-Awstrija							
Il-Polonja							
Il-Portugall							
Romania							
Is-Slovenja							
Ir-Repubblika Slovakkja							
il-Finlandja							
L-Iżvezja							
Ir-Renju Unit							

▼M1

▼B



Parti B: statistika globali oħra:

Statistika dwar in-negozjanti	
Għadd ta' negozjanti rreġistrati għall-finijiet tal-VAT li ddikjaraw akkwisti intra-Komunitarji (Kaxxa Nru 8)	
Għadd ta' negozjanti rreġistrati għall-finijiet tal-VAT li indikaw kunsinni intra-Komunitarji fid-dikjarazzjonijiet ta' kull kwart tas-sena (Kaxxa Nru 9)	
Statistika dwar il-verifiki u l-istħarriġ	
Għadd ta' verifiki simultanji organizzati (l-Artikoli 12 u 13) (Kaxxa Nru 10)	
Għadd ta' verifiki simultanji li l-Istati Membri pparteċipaw fihom (l-Artikoli 12 u 13) (Kaxxa Nru 11)	
Għadd ta' sfharrig amministrattiv mitlub (l-Artikolu 5(3)) (Kaxxa Nru 12)	
Għadd ta' sfharrig amministrattiv imwettaq fuq talba ta' Stat Membru ieħor (l-Artikoli 5(3)) (Kaxxa Nru 13)	
Statistika dwar l-iskambji ta' informazzjoni mingħajr talba preliminari	
Għadd ta' informazzjoni mibgħuta mingħajr talba (l-Artikoli 17 sa 21) (Kaxxa Nru 14)	
Statistika li tikkonċerna l-VIES	
Perċentwali tal-każijiet li fihom in-numri tar-reġistrazzjoni għall-finijiet tal-VAT tal-klijenti ma rrispettawx ir-regoli tal-iffomular (linji inkorretti / total tal-linji) fid-data meta tiddaħħal <i>d-data</i> (Kaxxa Nru 15)	
Għadd tan-numri tal-VAT fil-messaġġi O_MCTL riċevuti (Kaxxa Nru 16)	



NOTI TA' GWIDA:

Parti A. Statistika li trid tiġi analizzata mill-Istat Membru

- Kaxxi Nri 1 u 2: Hu meħtieġ li jiġi indikat hawnhekk l-għadd tad-talbiet mibgħuta jew riċevuti minn kull Stat Membru matul is-sena kalendarja. Talba tiqies biss li ntbagħtet jew li għet irċevuta meta d-dokumenti kollha li jakkumpanjawha jintbagħtu jew jiġu riċevuti wkoll. Kull talba għandha tissemma, anki jekk din ma tintbagħtax mill-uffiċċju ċentrali tal-kordinament innifsuh.
- Kaxxa Nru 3: Hu meħtieġ li jiġi indikat hawnhekk l-għadd tad-drabi meta bid-dewmien jinqabeż il-limitu ta' żmien ta' tliet xhur matul is-sena ta' referenza, anki jekk it-talba ntbagħtet matul is-sena preċedenti jew jekk it-twegħiba tkun għadha ma ntbagħtix sal-aħħar tas-sena ta' referenza. Twegħiba li tkun għadha ma ntbagħtix sal-aħħar tas-sena segwenti ma għandhiex tiqies darb'oħra fiċ-ċifri mibgħuta għall-perjodu ta' referenza segwenti.
- Kaxxa Nru 4: Hu meħtieġ li jiġi indikat hawnhekk l-għadd tad-drabbi meta Stat Membru partikolari jibgħat twegħiba b' dewmien ta' xahar wara t-talba. Hu floku li jingħaddu t-twegħibiet għat-talbiet mibgħuta fis-sena preċedenti, iżda mhux dawk riċevuti fis-sena segwenti u li jikkorrispondu mat-talbiet mibgħuta matul il-perjodu ta' referenza.
- Kaxxa Nru 5: Hawnhekk jinħtieġ jissemma n-numru ta' notifiki riċevuti skont l-Artikolu 10 matul is-sena ta' referenza.
- Kaxxi Nri 6 u 7: Hu meħtieġ li jiġi indikat hawn hekk l-għadd tad-talbiet mibgħuta jew riċevuti minn kull Stat Membru matul is-sena kalendarja. Talba tiqies biss li ntbagħtet jew li għet irċevuta meta d-dokumenti kollha li jakkumpanjawha jintbagħtu jew jiġu riċevuti wkoll.

Parti B. Statistika li trid tiġi indikata globalment, mingħajr ma tiġi analizzata mill-Istat Membru

- Kaxxi Nri 8 u 9: Hu meħtieġ li jiġi indikat hawnhekk l-għadd totali ta' negozjanti nazzjonali li ddikjaraw li wettaqu dawn il-tranżazzjonijiet tal-anoas darba matul il-perjodu ta' referenza.
- Kaxxi Nri 10 u 11: Iċ-ċifri indikat hawnhekk għandhom jinkludu l-verifiki ffinanzjati mill-Programm Fiscalis 2003-2007 kif ukoll il-verifiki l-oħrajn kollha (notevolment il-verifiki purament bilaterali). Il-verifiki simultani għandhom jiġu ddikjarati matul is-sena li fiha titwettaq in-notifika previsa fl-Artikolu 13.
- Kaxxi Nri 12 u 13: Dan l-ishtariġ amministrattiv għandhu jiġi ddikjarat matul is-sena li fiha tiġi fformulata t-talba previsa fl-Artikolu 5(3).
- Kaxxa Nru 14: Hu meħtieġ li jiġi indikat hawnhekk l-għadd ta' informazzjoni mibgħuta matul is-sena kalendarja mingħajr talba preliminari. Dan jinvolvi notevolment l-iskambji spontani ta' informazzjoni, awtomatiċi u strutturi awtomatiċi.